MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2010

Talba Numru. 966/2009

**GO plc – C22334**

**vs**

**Alfred Camilleri – ID-81876M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-13 ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009) fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija u disgha u ghoxrin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€429.52) rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni mas-servizz tat-*telephone* bin-numru 21335296 kif jirrizulta minn dokument anness u mmarkat bhala Dok "A", bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data ta' l-ahhar pagament u cio` e` mit-13 ta' Settembru 2008 kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra illi permezz ta' risposta tal-konvenut datata 23 ta' Frar 2010 huwa ressaq preliminarjament l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni abbazi ta' l-artikolu 2156 (f) Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta *oltre* li fil-mertu afferma li l-ammont pretiz ma kienx dovut.

It-Tribunal ra s-sentenza tieghu tat-22 ta' April 2010 bis-sahha ta' liema cahad l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni u konsegwentement ordna l-prosegwiment tal-provi fuq il-mertu.
Ra wkoll li fuq il-mertu li kien xehed il-PL Noel Scicluna ghas-socjeta` attrici fejn ikkonferma li l-ammont kien ghadu dovut, *oltre* ghal fatt illi kkonferma wkoll li l-ahhar pagament akkont li sar mill-konvenut kien sar fit-13 ta' Settembru 2008.

Ra wkoll li l-konvenut ghalkemm inghata l-opportunita` biex iressaq il-provi tieghu in kontestazzjoni ghat-talba attrici fil-mertu u dan in sosten tat-tieni eccezzjoni tieghu huwa naqas li jaghmel dan.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz fil-mertu billi jirrespingi l-eccezzjoni tal-konvenut fil-mertu u *quindi* jilqa' it-talbiet attrici, u ghalhekk jikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-socjeta` attrici s-somma mitluba ta' erba' mija u disgha u ghoxrin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€429.52) bl-imghax legali dekorribbli mit-13 ta' Settembru 2008 u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza a karigu ta' l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------